**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**

**DR. ANTHONY G. VELLA BA. LL.D. M.A.**

**Illum 19 ta' Jannar 2017**

**Pulizija**

**Spettur Jonathan Ferri**

**Spettur Lara Butters**

**Spettur William Scicluna**

**Vs**

**Maria Turkdogan**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet kontra Maria (Maria Isabella) Turkdogan ta' 50 sena, bint Vincent u Esther nee' Galea, imwielda H'Attard, nhar is-6 ta' Gunju 1966, residenti gewwa 23, Limpopo, Triq Nathalie Poutiatin Tabone, e detentrici tal-karta tal-identita' bin-numru 270466M;

Talli f'dawn il-Gzejjer, f'Awwissu 2015 u fix-xhur u snin ta' qabel, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

1) Sabiex tikseb xi vantagg jew beneficcju ghaliha nnifisha jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentement ghamlet dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew taghat taghrif falz;

2) Talli xjentement ghamlet uzu minn xi dokument falsifikat;

3) Talli f'Malta assocjat ruhha ma' xi persuna jew persuni f'Malta jew barra minn Malta bil-ghan li taghmel delitt (dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew taghat taghrif falz) f'Malta li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija, w li ma jkunx delitt taht l-Att dwar l-Istampa;

4) Talli xjentement, ghenet jew assistiet lill-awtur jew lill-awturi tad-delitt fl-atti li bihom id-delitt kien gie ippreparat jew ikkunsmat.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet;

Rat illi l-imputata irregistrat ammissjoni f'dawn il-proceduri, fid-19 ta' Jannar 2017, li giet ikkonfermata minnha wara li nghatat z-zmien xieraq skont il-ligi sabiex tikkonsidra sew l-ammissjoni taghha, u wara li l-Qorti wissietha solennement bil-konsegwenzi li l-istess ammissjoni kienet ser iggib maghha;

Rat illi, ai termini tal-Artikolu 392A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, din il-Qorti giet hekk ikkonvertita minn wahda Istruttorja ghal wahda ta' Gudikatura Kriminali, u ghalhekk il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza;

Rat illi l-Prosekuzzjoni u d-difiza kienu qablu bejniethom dwar il-piena idoneja li setghet tinghata lill-imputata f'dan il-kaz;

**Ikkunsidrat;**

Illi l-imputata irregistrat ammissjoni fl-aktar stadju bikri f'dawn il-proceduri, u ghalhekk il-Qorti m'ghandhiex triq ohra hlief li ssibha hatja tal-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha, u tghaddi biex tikkonsidra l-piena. Bhala fatti tal-kaz, jirrisulta li l-imputata kiene tftiehemet ma' certu Ali Fawzi Ltetey sabiex tidhol f'kuntratti ta' kera ma' terzi sabiex dawn ikollhom indirizz fiss f'Malta minghajr ma qatt ighixu hawn. Fil-fatt, jidher li l-imputata dahlet f'erba' kuntratti ta' kera b'dan il-mod. Ali Fawzi Ltetey kien jindikalha l-persuni li kellha tikrilhom il-proprjeta' u hi tidhol f'kuntratt maghhom, biex huma jkunu jistghu japplikaw ghal permess ta' residenza f'Malta. L-imputata qablet mal-Prosekuzzjoni sabiex taghti x-xiehda taghha fil-kumpilazzjoni kontra Ali Fawzi Ltetey. Il-piena li ftehmu fuqha l-partijiet hija ta' sanzjoni fil-komunita', u fic-cirkostanzi l-Qorti ma tarax li hemm raguni ghalhiex ghandha tiddisturba dan il-ftehim.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 18, 188, 189, 48A, 42, 45(a), (b), (c), 532A, 532B u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Wara li semghet lill-partijiet jittrattaw fuq il-piena li setghet tinghata lill-imputat;

Fuq ammissjoni din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmija imputata hatja tal-akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni, u qieghda tilliberaha bil-kundizzjoni li ma

taghmilx reat iehor fi zmien sena, ai termini tal-Art. 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**MAGISTRAT**